VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 331 tal-2011

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti ta' l-2011 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi(Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun għall-Kaċċa u l-Insib għas-sena 2011)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 ta' l- Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 10(6)(t) tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2009 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-istaġun għall-Kaċċa u l-Insib għas-sena 2011).

Tifsir.

2. Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsira bħal dak mogħti fir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti ta' l-2006".

A.L. 79 ta' l-2006

Jiġi stabbilit l-istaġun.

3. Għall-finijiet li jistabbilixxi l-istaġun għall-kaċċa u l-insib ta' l-għasafar taħt ir-regolament 10 (6)(t), (ii) u (iii) tar-Regolamenti ta' l-2006, il-Prim Ministru stabbilixxa:-

(a) kaċċa minn fuq l-art għandha ssir bejn l-1 ta' Settembru 2011 u l-31 ta' Jannar 2012, bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u sagħtejn wara nżul ix-xemx fil-ġranet mit-Tnejn sas-Sibt, u bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u s-siegħa ta' wara nofsinhar (1.00p.m.) fil-Ħdud u l-Festi Pubbliċi:

Iżda, kaċċa minn fuq l-art bejn il-15 ta' Settembru 2011 u t-30 ta' Settembru 2011, ma tistax issir mit-Tnejn sas-Sibt wara l-ħin tat-3.00 ta' wara nofsinhar (3.00pm);

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) kaċċa minn fuq il-baħar għandha ssir bejn l-1 ta' Ottubru 2011 u l-31 ta' Jannar 2012.

Applikabbilità għat-teħid u kaċċa fuq il-fenek selvaġġ.

4. Il-ħinijiet li japplikaw għat-teħid u l-kaċċa tal-fenek selvaġġ bejn il-15 ta' Settembru 2011 u t-30 ta' Settembru 2011, għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-proviso tal-paragrafu (a) tar-regolamenti 3 ta' dawn ir-regolamenti.